# X'sar fil-Festi tal-125 Sena ta' l-Ewwel Inkurunazzjoni Solenni tal-Kwadru Mirakoluż tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

Nagħmlu tifkiriet speċjali tal-festi għaliex id-dinja tal-llum, hija dinja ateja u sekolarizzata. Trid tnessi l-bniedem ta' llum l-avvenimenti reliġjużi tal-passat li kienu jkunu mezz spiritwali u temporali biex il-poplu jingħaqad, jifraħ għall skop wieħed ta' salvazzjoni.

Matul il-festa tal-125 sena ta' l-Inkurunazzjoni ħessejna ħafna ġid u barka spiritwali mingħand Alla u l-Madonna tal-Karmnu, dan id-don ħassejnih għaliex l-iskop kien sinċier u veru reliġjuż. Dan ma huwiex qiegħed niktbu jien għax jien r-Rettur tas-Santwarju imma jidher ċar fid-diskorsi spontanji li għamlu mistednin distinti bħal Isqfijiet Nikol Cauchi, Adeodato Micallef O.C.D., naħseb żgur niftakru dak ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca meta spiċċa b'talba ħerqana u entużjażmanti li wera meta għajjat "VIVA L-MADONNA TAL-KARMNU". Ma nistgħux ninsew dak il-messaġġ spontanju tan-Nunzju Appostoliku Mons Felix Del Blanco fejn kont tħoss l-istagħġib tiegħu meta ra fost il-ġemgħa l-Bażilika Vera Minuri ppakjata bid-devoti u kwantita ta' żgħażagħ.

Is-sagrifiċċju ta' imħabba lejn il-Kwadru Mirakoluż żgur deher bil-ferħ li għamel żewġ funzjonijiet it-Terzjarju Karmelitan l-Arċisqof Emeritus Paolo Giglio. Naħseb li kompla wriena kif għandna nħobbu lil Madonna tal-Karmnu u lir-rigal tagħha żgur kien P. Raymond Callejja O. Carm il-Pirjol tal-Parroċċa ta' Santa Venera fiż-żewġ priedki studjati u stupendi tiegħu. Żgur li l-parteċipazzjoni tal-Karmelitani tal-kunventi l-oħra dehret l-imħabba u r-rispett li għandhom lejn is-Santwarju nkurunat, f'kull ċelebrazzjoni li saret (tajjeb niftakru li riedu jmexxu 4 parroċċi u knejjes fis-Sibt u l-Ħadd) b'dan kollu kien hawn ma' l-40 Karmelitan li ħadu sehem. Tajjeb li nfaħħru bi-pjaċir lil Patrijiet Karmelitani Skalzi, Agostinjani, Franġiskani Konventwali, Minuri u Kapuċċini li ħadu sehem











b'parteċipazzjoni numeruża. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni li fiha wkoll ħadu sehem is-Santwarju Inkurunat tal-Mosta, ta' Caraffa, Tas-Saħħa tal-patrijiet Franġiskani Konventwali, tal-Madonna ta' l-Għar, Tad-Dumnikani, Żabbar, Tal-Ħerba B'Kara, l-Isla, u Bormla u tal-Kattidral ta' Malta, fejn id-Delegat tal-Arċipriet Mons A. Xuereb kiteb poeżija apposta għall-okkażjoni u ġiet moqrija għall-ewwel darba fis-Santwarju fost dmugħ ta' ferħ u ċapċip enormi.





Fis-16 ta' Lulju rajna rispett lejn il-Kwadru Mirakoluż meta fil-Quddiesa tas-7.00a.m. ikkonċelebraw erbgħa Ordinarju Provinċjal dawk O.C.D, O.P., O.F.M., u rappreżentant ta' l O.S.A. flimkien ma 4 superjuri tal-Belt O.S.A., O.P., S.J., O.F.M. Conv, magħhom kien hemm l-Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl u l-Kappillan tal-Portu Salv San Duminku. Żgur li fil-quddiesa tat-8.00a.m. ħassejna d-devozzjoni sinċiera tal-Editur tal-Leħen is-Sewwa l-Kan J. Ciarlo Terzjarju Karmelitan fejn fl-Omelija tiegħu ndirizza dejjem "Aħna li nilbsu l-Labtu rridu insiru Marija oħra". F'dawn il-festi wrew devozzjoni sinċiera lejn is-Santwarju Dun Anton Borg, Dun Darren Pace it-tnejn mill-Mosta u Terżjarji Karmelitani flimkien ma P. Martin Borg O.C.D..









F'dan is-sittax ta' Lulju (2006) kompla juri d-devozzjoni tiegħu bħal kull sena Mons Philip Calleja, kellna wkoll il-preżenza ta' Mons A. Cilia u anke Mons L. Mifsud li f'waħda mill-priedki tan-Novena bħala Rettur tas-Santwarju ta' Caraffa għamel priedka mħeġġa ħafna u storikament sabiħa. Żgur li f'dan is-16 ta' Lulju 2006 se jibqa' f'qalbna għall Paniġierku ta' Dun Pawl Carmel Vella (illum Monsinjur) fejn b'mod pastorali u studjuż uriena li l-Karmelu hu r-rigal ta' Marija, il-Labtu għadu neċessarju u mportanti għall-ħajja ta' l-llum. Fil-Quddiesa tal-11.30a.m. il-Kappillan Pirjol P. Michael Camilleri O.P. reġa wera d-devozzjoni personali tiegħu lejn il-Madonna tal-Karmnu, hu li jmexxi b'tant ħerqa l-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi G'Mangia u nafu kemm il-Labtu tal-Karmnu għandu x'jaqsam sewwa mad-dehriet ta' Fatima.










Fid-diskors tiegħu il-W.R.P. Provinċjal A. Vella O.Carm. S.S.L. fil-quddiesa tas-6.30p.m. wera kemm hu mportan-

s-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt ikun ħaj b'parteċipazzjoni u dedikazzjoni fit-twelid veru tad-devozzjoni awtentika.

Taħsbux li nsejt il-ħruġ tal-Vara minn-niċċa li din is-sena ċentinarja kienet speċjali bħal ma għamilna bosta drabi (Konkatidral San Ġwann, Parroċċa Portu Salv San Duminku, Parroċċa Santu Wistin, Kolleġġjata San Pawl) din is-sena minn Ta' Giesu tal-patrijiet Franġiskani Minuri. Waqt l-Omelija l-istoriku P. Ġorġ Aquilina O.F.M. qal li din kienet it-tieni darba li l-istatwa devota u Mirakoluża tal-Karmnu daħlet f'dik il-Knisja. P. Ġorġ kompla semma' meta kien hawn Malta għal xi snin l-Isqof Kustodju ta' l-Art Imqaddsa peress li fl-art ta' Israel hi mmexxija minnu l-festa tal-karmnu fuq il-Muntanja ta' l-Karmel talab id-dritt li sakemm kien Malta kien imexxi hu l-festa tal-Belt Valletta dan għal ħabta tal-1886 xi żmien ieħor. Ħaġa li rnexxiet u żgur kienet ta' unur kbir u għaqda li l-meqjuma vara tal-Madonna ġiet merfugħa mir-reffiegħa tal-festi kollha tal-Belt jiġifieri dawk ta' Ġieżu, San Pawl, San Duminku (li għall-okkażjoni żanżnu l-konfratiji ġodda), Santu Wistin u dawk tal-Karmnu. Kif tistgħu taraw mir-ritratti ħafna mill-kleru djoċesan u reliġjuż tal-Belt kien preżenti, kif wkoll membri ta' l-Ordni Karmelitan Skalż, dawk Franġiskani u sintendi Karmelitani. Ħadu sehem tlett Provinċjali l-Wisq Rev P.Pawl Galea O.F.M., P. Victor Mallia O.C.D. u P. Alexander Vella O. Carm. Ha sehem wkoll il-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu bil-mazzier b'kollox.

It-Translazzjoni f'dawn il-festi tal-125 sena ta' l-Inkurunazzjoni kienet speċjali. Kienet fl-14 ta' Lulju u bdiet mill-Knisja Parrokkjali ta' Santu Wistin il-Belt, ta' San ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil Provinċjal/Pirjol P. Luċjan Borg O.S.A, li ħa pjaċir ferm u anke il-Komunita tiegħu tant li fit-Translazzjoni ħadu sehem numerużi flimkien mat-Terzjarji saċerdoti, il-Patrijiet Karmelitani u Karmelitani Skalzi. It-Translazzjoni tmexxiet mill-ogħla dinjita tad-djoċesi in-Nunzju Appostoliku Mons. Felix Del Blanco għal din it-Translazzjoni barra l-Arċikonfraternijiet tas-Santwarju ħadu sehem wkoll il-Fratellanza tar-Rużarju tal-Bażilika Santwarju Kolleġġjata ta' l-Isla.
































Il-Pućissjoni Pellegrinaġġ bħas-soltu unur u xhieda tas-serjetà, devozzjoni u talb att veru kollu kemm hu liturġiku u anke briju veru fi Triq it-Teatru, tisma kulħadd b'vući waħda jkanta innijiet Marjani popolari. Anke ż-żewg radijiet tal-Knisja bil-mod tagħhom ħadu sehem. Radju Marija; li għat-tieni sena ttrasmetta l-Quddiesa kantat tas-16 ta' Lulju u R.T.K. lejliet il-festa wera b'intervisti u kollegamenti.

Il-festa tkun imtellgħa minn ħafna nies, b'mod speċjali meta tiċċelebra xi ħaġa speċjali. Tkun ħaġa f'waqtha nsemmu lill-Abbatini, anke abbatini ta' knejjes Karmelitani oħra, Helpers tat-tindif, dawk li jarmaw il-ġojjelli tas-Santwarju, id-Dilettanti ta' l-Armar ta' barra, lil P. Marcellin Scicluna u l-Kor tiegħu, lil P. Louis Bajada O. Carm. Maestro tal-Kappella, lil Mrs May Vassallo u l-Kor tagħha. Nixtieq wkoll nirringrazzja liċ-Ċerimonier Provinċjali P. Renal Lofreda O. Carm l-iżjed u b'mod speċjali lil Komunita tal-Karmnu tal-Belt li fis-skiet u l-imħabba jaħdmu s-sena kollha P. Nazju Axisa, P. Victor Schembri, P. Marcellin Scicluna, P. Felicjan Bezzina, Fra Lino Scalpello u Fra Karm Azzoppardi mid-dar tal-Kleru.

Grazzi ferm tmur lill benefatturi kollha u j'Alla flimkien inkomplu nikbru ma' Marija l-għaxqa tal-Karmelu fl-adorazzjoni lil Alla u għal Alla.

P.Martin D. Schembri O.Carm
Rettur tas-Santwarju







